# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 27 ta' Ottubru 2017**

**Numru 28**

**Rikors numru 570/16**

**Leonard Agius**

**v.**

**Paul u Ludgarda Galea**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors tal-attur Leonard Agius li permezz tieghu talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija fit-30 ta' Settembru 2016 minn din il-Qorti peress li kontestwalment huwa intavola proceduri ghal ritrattazzjoni tal-istess sentenza.

Huwa evidenti li r-rikorrent qed jaghmel dan ai termini tal-Artikolu 823 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta. "*L-imsemmi digriet tal-ligi procedurali*

*jissanzjona zewg rekwiziti bazici ghall-akkoljiment tat-talba li tordna it-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni ta' sentenza, u cjoe, (a) l-ghoti ta' garanzija tajba ghall-ezekuzzjoni tas-sentenza; (b) li l-parti li tippromwovi t-talba tissodisfa lill-qorti illi l-ezekuzzjoni tas-sentenza aktarx tikkaguna pregudizzju akbar lil dik il-parti milli t-twaqqif ta' l-ezekuzzjoni tkun tikkaguna lill-parti kuntrarja*". (**Palmar Limited v. Victor Ciantar**, Appell Inferjuri 10 ta' Jannar 2003).

Fil-kaz in ezami, is-sentenza li qed tintalab ritrattazzjoni taghha cahdet it-talba tal-istess rikorrenti ghall-izgombrament tal-fond inkwistjoni. Kwindi din il-Qorti ma tarax l-utilità tar-rikors odjern ladarba ma hemm xejn x'jigi esegwit.

Stabbilit dan il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni tal-istess rikors.

L-ispejjes ta' dan l-incident a kariku tal-istess rikorrenti.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef | Joseph Azzopardi<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb